MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Numru 277/2008

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
NOEL CALLEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Calleja, ta’ 35 sena, iben Anthony u Maria Rosaria nee’ Borg, imwieled Attard nhar l-14 ta’ Mejju 1972, residenti ‘Casa San Lorenzo’, Triq Leli Tabone Zabbar, u detentur ta’ karta ta’ l-identita numru 222572(M).

U akkuzat talli; nhar it-23 u t-25 ta’ April 2003, fl-Imsida, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reati li taf li ma kinux saru, inkella bil-qerq halaq it-tracci ta’ reati b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dawn ir-reati kienu saru.

Akkuzat ukoll talli; nhar il-25 ta' April 2003 kien halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem Ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.18) u dik ta' l-imputat (a fol.5) sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammisjoni ta' l-imputat;

Semghat il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti ssib l-imputata hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikoli 110(2) u 108 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 28A, u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre tqieghed lill-imputat Noel Calleja, taht 'supervision suspended order' taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Porbation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u dana ghal perijodu ta' tlett snin. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat, l-eta' tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu u illi bhala stat ta' fatt ma rrizulta ebda dannu materjali lil terzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------